DIKASTERU GĦAD-DUTTRINA TAL-FIDI

# NOTA

# *GESTIS VERBISQUE*

## *(Ġesti u Kliem)*

# DWAR IL-VALIDITÁ TAS-SAGRAMENTI

## Daħla

1. Bi ġrajjiet u kliem magħqudin intimament flimkien, Alla jirrivela u jwettaq il-pjan tas-salvazzjoni għal kull bniedem, iddestinat għal tisħib miegħu[1]. Din ir-relazzjoni feddejja titwettaq b'mod effikaċi fil-Liturġija, fejn it-tħabbira tas-salvazzjoni, li tidwi fil-Kelma li tiġi mxandra, issib it-twettieq tagħha fil-ġesti sagramentali. Dawn, infatti, jagħmlu preżenti fil-ġrajja umana l-ħidma feddejja ta' Alla, li għandha l-milja tagħha fl-Għid ta' Kristu. Il-qawwa feddejja ta' dawk il-ġesti jissuktaw l-istorja tas-salvazzjoni li Alla qed iwettaq fiż-żmien.

---

[1] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. domm. *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965), n. 2: *AAS* 58 (1966) 818.

[2] Ara *Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, n. 1116.

[3] Frangisku, Ittra Ap. *Desiderio desideravi* (29 ta' Gunju 2022), n. 23: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 9.

[4] Xi saċerdoti ntebhu bl-invalidità tal-ordinazzjoni tagħhom u tal-atti sagramentali ċċelebrati minnhom minhabba li ma kinitx valida l-magħmudija tagħhom (ara *CIC*, can. 842), tort ta' dawk li tawhom dan is-Sagrament b'mod arbitrarju.

[5] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Nota dottrinale circa la modifica della formula sacramentale del Battesimo* (24 ta' Gunju 2020), nota 2: *L'Osservatore Romano*, 7 Awwissu 2020, 8.

Għalhekk is-Sagramenti, imwaqqfin minn Kristu, huma azzjonijiet li, permezz ta' sinjali sensibbli, jattwaw l-esperjenza ħajja tal-misteru tas-salvazzjoni, billi jagħmlu possibbli s-sehem tagħna fil-ħajja divina. Huma l-"kapolavuri ta' Alla" fil-Patt il-Ġdid u ta' dejjem, qawwiet li jnixxu mill-Ġisem ta' Kristu, għemejjel tal-Ispirtu li jaħdem fil-Ġisem tiegħu, li hu l-Knisja[2].

Għalhekk il-Knisja, fil-Liturġija, tiċċelebra bi mħabba sinċiera u bil-qima s-Sagramenti li Kristu nnifsu fdalha, sabiex tħarishom bħala wirt prezzjuż u għajn tal-ħajja u l-missjoni tagħha.

2. Sfortunatament ikollna nistqarru li ċ-ċelebrażżjoni liturġika, u speċjalment dik tas-Sagramenti, mhux dejjem qegħda ssir b'fedeltà sħiħa lejn ir-riti stabbiliti mill-Knisja. Dan id-Dikasteru bosta drabi kellu jindaħal biex iwieġeb għal *dubia* fuq il-validità ta' Sagramenti ċċelebrati fir-Rit Ruman, meta ma ġewx imħarsa n-normi liturġiċi, u xi drabi b'ċerta sogħba kellu jagħti tweġiba negattiva, għax deherlu li, f'dawn il-każi, il-fidili ġew imċaħħda minn jeddijiethom, "jiġifieri l-misteru tal-Għid, iċċelebrat skond ir-ritwal stabbilit mill-Knisja"[3]. Bħala eżempju nistgħu nsemmu ċelebrazzjonijiet tal-magħmudija li fihom il-formula sagramentali ġiet mibdula f'xi element essenzjali, b'mod li invalidat is-Sagrament, u allura affettwat ħażin il-mixja sagramentali futura tal-fidili li, b'ċerta weġgħa, kellhom jirripetu ċ-ċelebrazzjoni mhux biss tal-magħmudija, iżda wkoll tas-Sagramenti li rċevew wara[4].

3. F'ċerti ċirkustanzi seta' kien hemm intenzjoni tajba ta' xi ministri li, jew għax ma ġihomx f'rashom, jew għax imqanqlin minn motivi pastorali sinċieri, bidlu l-formuli u r-riti essenzjali stabbiliti mill-Knisja, forsi għax dehrilhom li b'hekk kienu qed jagħmluhom aktar adattati u jiftehmu aħjar. Iżda bosta drabi, "l-ideja ta' motivazzjoni pastorali sservi ta' maskra, anki bla ma wieħed jintebaħ, għal devjazzjoni suġġettiva u rieda manipulatriċi"[5]. Dan jikxef ukoll nuqqas fil-formazzjoni tal-ministru, speċjalment meta wieħed iqis il-valur tal-azzjoni simbolika, element essenzjali tal-att liturġiku-sagramentali.

4. Biex jgħin lill-isqfijiet fid-dmir tagħhom li jmexxu 'l quddiem u jħarsu l-ħajja liturġika tal-knejjes partikulari fdati lilhom, id-Dikasteru għad-Duttrina tal-Fidi, f'din in-*Nota*, jrid

jippreżentalhom xi elementi ta' xejra duttrinali għal dixxerniment dwar il-validità taċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti, waqt li jqis ukoll ċerti aspetti dixxiplinari u pastorali.

5. L-iskop ta' dan id-dokument jgħodd għall-Knisja Kattolika kollha kemm hi. Madanakollu l-argumenti teoloġiċi li jispirawh xi drabi huma msejjsin fuq kategoriji proprji tat-tradizzjoni Latina. Għalhekk is-Sinodu jew l-Assembleja tal-Ġerarki ta' kull Knisja Kattolika tal-lvant għandhom jieħdu ħsieb jadattaw kif imiss id-direttivi ta' dan id-dokument, waqt li jagħmlu użu mil-lingwaġġ teoloġiku proprju tagħhom, meta dan hu differenti mil-lingwaġġ użat f'dan it-test. Imbagħad ix-xogħol li jkun twettaq, qabel ma jiġi ppublikat, għandu jiġi sottopost għall-approvazzjoni tad-Dikasteru għad-Duttrina tal-Fidi.

## I. Il-Knisja tirċievi u tesprimi ruħha fis-Sagramenti

6. Il-Konċilju Vatikan II, b'analoġija, japplika d-definizzjoni ta' Sagrament għall-Knisja kollha. Speċjalment meta fil-Kostituzzjoni fuq il-Liturġija Mqaddsa jtenni li "mill-kustat ta' Kristu rieqed fuq is-salib nixxa s-Sagrament tal-għaġeb li hu l-Knisja kollha"[6], huwa għamel użu mill-kitba tipoloġika, għażiża għal Missirijiet il-Knisja, fuq ix-xebħ bejn Kristu u Adam[7]. It-test Konċiljari jirriferixxi għal kliem Santu Wistin[8], li jtenni: "Jorqod Adam biex titnissel Eva; imut Kristu biex titnissel il-Knisja. Mill-ġenb ta' Adam rieqed tnisslet Eva; mill-ġenb ta' Kristu mejjet, minfud mil-lanza, inixxu s-Sagramenti, li bihom tnisslet il-Knisja"[9].

7. Il-Kostituzzjoni Dommatika fuq il-Knisja ttenni li l-Knisja hi "fi Kristu bħala Sagrament, jiġifieri sinjal u strument tal-għaqda intima ma' Alla u tal-unità tan-nisel uman kollu"[8]. U dan jitwettaq fuq kollox permezz tas-Sagramenti, għax f'kull wieħed minnhom titwettaq, skond il-mod ta' kull wieħed, in-natura sagramentali tal-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu. Id-definizzjoni tal-Knisja bħala sagrament universali ta' salvazzjoni "turi kif l-ekonomija sagramentali fl-

---

[6] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. Lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), nn. 5, 26: *AAS* 56 (1964) 99, 107.

[7] Dwar dan il-Papa Frangisku jikkummenta: "Jolqtok ix-xebh bejn l-ewwel u t-tieni Adam: bhalma mill-kustat tal-ewwel Adam, wara li kien tefa' fuqu raqda tqila, Alla hareg lil Eva, hekk ukoll mill-kustat ta' Adam il-gdid, rieqed fir-raqda tal-mewt, titwieled Eva l-gdida, il-Knisja. Jolqtuna l-kliem li nimmaginaw li Adam il-gdid għamel tiegħu huwa u jhares lejn il-Knisja: 'Din issa hi għadma minn għadmi, laham minn lahmi' (Gen 2, 23). Ladarba emminna fil-Kelma u nzilna fl-ilma tal-magħmudija, ahna sirna għadam minn għadmu u laham minn lahmu": Frangisku, Ittra Ap. *Desiderio desideravi* (29 ta' Gunju 2022), n. 14: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 9.

[8] Ara S. Wistin, *Enarrationes in Psalmos* 138, 2: CCL 40, 1991: "Eva twieldet mill-genb [ta' Adam] rieqed, il-Knisja twieldet mill-genb [ta' Kristu] fit-tbatija".

[9] Id., *In Johannis Evangelium tractatus* 9, 10: PL 35, 1463.

[8] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 1: *AAS* 57 (1965) 5. Ara. *Ibid.*, nn. 9, 48: *AAS* 57 (1965) 12-14, 53-54; Id., Kost. past. *Gaudium et spes* (7 ta' Diċembru 1965), nn. 5, 26: *AAS* 58 (1966) 1028-1029, 1046-1047.

aħħar mill-aħħar tagħżel il-mod li fih Kristu, is-Salvatur waħdieni, permezz ta' l-Ispirtu, jilħaq il-ħajja tagħna fiċ-ċirkustanzi partikulari tagħha. Il-Knisja tiġi milqugħa, u fl-istess waqt tfisser dak li hi, fis-seba' Sagramenti, li permezz tagħhom il-grazzja ta' Alla tolqot fir-realtà l-għajxien ta' l-insara, biex ħajjithom kollha, mifdija minn Kristu, issir qima li togħġob 'l Alla".[9]

8. Billi waqqaf il-Knisja bħala l-Ġisem tiegħu, Kristu jagħti lill-fidili sehem mill-istess ħajja tiegħu, billi jgħaqqadhom mal-mewt u l-qawmien tiegħu b'mod rejali u misterjuż permezz tas-Sagramenti[10]. Tabilħaqq, il-qawwa qaddiesa tal-Ispirtu s-Santu taħdem fil-fidili permezz tas-sinjali sagramentali[11], u tagħmilhom ġebel ħaj f'bini spiritwali, mibni fuq il-ġebla tax-xewka li hi Kristu l-Mulej[12], u poplu saċerdotali, li għandu sehem mis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu[13].

9. Għalhekk, is-seba' azzjonijiet vitali, li l-Konċilju ta' Trentu ddikjara solennement li huma ta' istituzzjoni divina[14], huma l-post privileġġjat tal-laqgħa ma' Kristu l-Mulej, li jagħti l-grazzja tiegħu u li, bil-kliem u l-atti ritwali tal-Knisja, jitma u jsaħħaħ il-fidi[15]. Huwa fl-Ewkaristija u fis-Sagramenti l-oħrajn kollha li "lilna tiġi ġġarantita l-possibbiltà li niltaqgħu mal-Mulej Ġesù u li tilħaqna l-qawwa tal-Passjoni tiegħu"[16].

10. Waqt li tifhem dan, il-Knisja, sa mill-bidunett tagħha, ħadet ħsieb speċjali tal-għejjun li minnhom tikseb l-ilma tal-ħajja għall-eżistenza u x-xhieda tagħha: il-Kelma ta' Alla (li nsibuha fil-Kotba Mqaddsa u fit-Tradizzjoni) u s-Sagramenti, iċċelebrati fil-liturġija, li permezz tagħhom tersaq kontinwament lejn il-misteru tal-Għid ta' Kristu[17].

L-interventi tal-Maġisteru f'dak li jolqot is-Sagramenti kienu dejjem imqanqlin minn ħrara fundamentali għall-fedeltà lejn il-misteru li jiġi ċċelebrat. Infatti, il-Knisja għandha d-dmir li tassigura l-prijorità tal-azzjoni ta' Alla u li tħares l-unità tal-Ġisem ta' Kristu f'dawk l-

---

[9] Benedittu XVI, Ezort. Ap. post-sinod. *Sacramentum caritatis* (22 ta' Frar 2007), n. 16: *AAS* 99 (2007) 118.
[10] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 7: *AAS* 57 (1965) 9-11.
[11] Ara *Ibid.* n. 50: *AAS* 57 (1965) 55-57.
[12] Ara *1Pt* 2, 5; *Ef* 2, 20; Konċ. Ekum. Vat.II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 6: *AAS* 57 (1965) 8-9.
[13] Ara *1Pt* 2, 9; *Ap* 1, 6; 5, 10; Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), nn. 7-11: *AAS* 57 (1965) 9-16.
[14] Ara Konċ. ta' Trentu, *Decretum de sacramentis*, can. 1: DH 1601.
[15] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 59: *AAS* 56 (1964) 116.
[16] Frangisku, Ittra Ap. *Desiderio desideravi* (29 ta' Gunju 2022), n. 11: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 8.
[17] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965), n. 9: *AAS* 58 (1966) 821.

azzjonijiet li bħalhom ma hemmx, għax huma sagri "per eċċellenza" b'effikaċja li hi ġġarantita mill-ħidma saċerdotali ta' Kristu[18].

**II. Il-Knisja li tħares u hi mħarsa mis-Sagramenti**

11. Il-Knisja hi "l-ministra" tas-Sagramenti, mhijiex il-padruna[19]. Meta tiċċelebrahom, hija nnifisha tirċievi l-grazzja, tħarishom u tiġi minnhom imħarsa. Is-*setgħa* li tista' tħaddem dwar is-Sagramenti tixbaħ lil dik li għandha dwar l-Iskrittura Mqaddsa. F'din tal-aħħar il-Knisja tagħraf il-Kelma ta' Alla, imniżżla bil-kitba taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, u għalhekk tistabilixxi l-Kanoni tal-Kotba mqaddsa. Iżda fl-istess ħin tissottometti ruħha għal din il-Kelma, li hija "tismagħha bil-qima, tħarisha bil-qdusija, u tfissirha bil-fedeltà"[20]. Hekk ukoll il-Knisja, megħjjuna mill-Ispirtu s-Santu, tagħraf dawk is-sinjali sagri li permezz tagħhom Kristu jagħti l-grazzja li tnixxi mill-Għid, tiddetermina n-numru tagħhom u turi l-elementi essenzjali ta' kull wieħed minnhom.

Waqt li tagħmel dan, il-Knisja tifhem sew li meta wieħed jamministra l-grazzja ta' Alla, huwa ma jkunx qed isir padrun tagħha, iżda strument tal-Ispirtu billi jgħaddi lil ħaddieħor id-don ta' Kristu paskali. B'mod partikulari hija taf li s-*setgħa* tagħha dwar is-Sagramenti ma tolqotx is-sustanza tagħhom[21]. Bħalma fil-predikazzjoni l-Knisja trid dejjem ixxandar bil-fedeltà l-Evanġelju ta' Kristu li miet u rxoxta, hekk ukoll fl-azzjonijiet sagramentali hija trid tħares l-azzjonijiet feddejja li Ġesù fdalha.

12. Huwa veru li l-Knisja mhux dejjem uriet b'mod ċar il-ġesti u l-kliem li jsawwru s-sustanza *stabbilita divinament*. Iżda għas-Sagramenti kollha jidhru fundamentali dawk l-elementi li l-Maġisteru tal-Knisja, huwa u jagħti widen għas-*sens tal-fidi* tal-Poplu ta' Alla u fi djalogu mat-teoloġija, qies bħala l-materja u l-forma, li magħhom tingħaqad ukoll l-intenzjoni tal-ministru.

---

[18] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 5, 7: *AAS* 56 (1964) 99, 100-101.
[19] Ara *1Kor* 4, 1.
[20] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965), n. 10: *AAS* 58 (1966) 822.
[21] Ara Konċ. ta' Trentu, *Sessjoni XXI*, kap. 2: DH 1728: «Il-Konċilju jiddikjara wkoll li l-Knisja dejjem kellha s-setgħa li, fl-amministrazzjoni tas-Sagramenti, waqt li tibqa' mharsa s-sustanza tagħhom, tistabilixxi u tbiddel dawk l-elementi li hija tqis ta' siwi għal min jirċevihom, jew għall-qima tal-istess Sagramenti, skond id-diversi ċirkustanzi taz-zmien u tal-postijiet"; Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 21: *AAS* 56 (1964) 105-106.

13. Il-*materja* tas-Sagrament tikkonsisti fl-azzjoni umana li permezz tagħha jaġixxi Kristu. Xi drabi fiha jkun preżenti xi element materjali (ilma, ħobż, inbid, żejt); xi drabi tkun ġest b'tifsira speċjali (is-sinjal tas-salib, it-tqegħid tal-idejn, l-immersjoni, l-infużjoni, id-dlik, il-kunsens fiż-żwieġ). Dan l-aspett korporali huwa indispensabbli, għax iqiegħed is-Sagrament mhux biss fl-istorja umana, iżda wkoll, b'mod aktar fundamentali, fl-ordni simboliku tal-ħolqien u jorbtu mal-misteru tal-Verb li sar bniedem u tal-fidwa mwettqa minnu[22].

14. Il-*forma* tas-Sagrament tikkonsisti fil-kelma, li tagħti tifsira traxxendenti lill-materja, billi tbidillha t-tifsira ordinarja tal-element materjali u t-tifsira purament umana tal-azzjoni mwettqa. Din il-kelma hi dejjem imnebbħa, skond gradi differenti, mill-Iskrittura Mqaddsa[23], għandha għeruqha fit-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, u tiġi mfissra b'awtorità mill-Maġisteru tal-Knisja permezz ta' dixxerniment għaqli[24].

15. Billi għandhom l-għeruq tagħhom fl-Iskrittura u fit-Tradizzjoni, il-materja u l-forma qatt ma kienu, u lanqas jistgħu, jiddependu mir-rieda ta' xi individwu jew xi komunità. Għalhekk, dwar dawn, ix-xogħol tal-Knisja mhuwiex li tiddeterminahom kif wieħed jixtieq u b'mod arbitrarju, iżda, waqt li tħares is-sustanza tas-Sagramenti (*salva illorum substantia*)[25], bl-awtorità turihomlna, fedelment għall-azzjoni tal-Ispirtu.

Għal ċerti Sagramenti, il-materja u l-forma jidhru sustanzjalment definiti sa mill-bidu, u għalhekk jidher ċar it-twaqqif tagħhom direttament minn Kristu; għal oħrajn, id-definizzjoni tal-elementi essenzjali ġiet speċifikata tul il-medda ta' storja kkomplikata, xi drabi bi żvilupp konsiderevoli.

16. Jeħtieġ niftakru wkoll li meta l-Knisja tintervjeni biex tiddetermina l-elementi kostituttivi ta' Sagrament, hija dejjem taġixxi bbażata fuq it-Tradizzjoni, biex tfisser aħjar il-grazzja li jagħti s-Sagrament.

---

[22] Ara Frangisku, Enċik. *Laudato si'* (24 ta' Mejju 2015), nn. 235-236: *AAS* 107 (2015) 939-940; Id., Ittra Ap. *Desiderio desideravi* (29 ta' Gunju 2022), n. 46: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 10; *Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, n. 1152.

[23] Proprju fis-Sagramenti, u fuq kollox fl-Ewkaristija, il-Kelma ta' Alla tikseb l-akbar effikaċja tagħha.

[24] Ara *Gw* 14, 26; 16, 13.

[25] Konċ. ta' Trentu, *Sessjoni XXI*, cap. 2: DH 1728. Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 38: *AAS* 56 (1964) 110.

Huwa f'dan il-kuntest li r-riforma liturġika tas-Sagramenti, imwettqa skond il-prinċipji tal-Konċilju Vatikan II, fittxet li r-riti jiġu riveduti b'mod li jesprimu aktar ċar ir-rejaltajiet sagri li huma jfissru u jipproduċu[26]. Il-Knisja, bil-maġisteru tagħha f'materja sagramentali, tħarreġ is-*setgħa* tagħha fuq il-bażi ta' dik it-Tradizzjoni ħajja "li ġejja mill-Appostli u tiżviluppa fil-Knisja bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu"[27].

Għalhekk, waqt li, taħt il-ħidma tal-Ispirtu, għarfet il-karattru sagramentali ta' ċerti riti, il-Knisja rat li jikkorrispondu għall-intenzjoni ta' Ġesù, li jagħmel il-ġrajja tal-Għid attwali u b'mod li nistgħu nieħdu sehem fih[28].

17. Għas-Sagramenti kollha dejjem kienet meħtieġa l-osservanza tal-materja u l-forma għall-validità taċ-ċelebrazzjoni. Bidliet arbitrarji fil-waħda u/jew fl-oħra – il-gravità jew il-kawża li tinvalida ċ-ċelebrazzjoni għandhom jiġu mistħarrġa f'kull każ – iqegħdu fil-periklu l-għotja effettiva tal-grazzja sagramentali, bi ħsara ċara għall-fidili[29]. Kemm il-materja kif ukoll il-forma, imfissrin fil-Kodiċi tad-Dritt Kanonku[30], huma stabbiliti fil-kotba liturġiċi ppromulgati mill-awtorità kompetenti, li għalhekk jeħtieġ jiġu osservati fedelment, "mingħajr ebda żjieda, tnaqqis jew tibdil"[31].

18. Marbuta mal-materja u l-forma hemm l-intenzjoni tal-ministru li jiċċelebra s-Sagrament. Huwa ċar li hawnhekk il-kwestjoni tal-intenzjoni hi distinta minn dik tal-fidi personali u tal-kundizzjoni morali tal-ministru: dawn ma jolqtux il-validità tal-għotja tal-grazzja[32]. Infatti

---

[26] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 21: *AAS* 56 (1964) 105-106. Il-Knisja dejjem hadet hsieb li thares it-tradizzjoni qawwija, waqt li tiftah it-triq għal progress legittmu. Għal dan l-għan, fir-riforma tar-riti mxiet fuq ir-regola li "forom godda, b'xi mod, għandhom inixxu b'mod organiku minn dawk li diga' jezistu": *Ibid.*, n. 23: *AAS* 56 (1964) 106. Bhala prova ta' dan, ara: Pawlu VI, Kost. Ap. *Pontificalis Romani* (18 ta' Gunju 1968): *AAS* 60 (1968) 369-373; Id., Kost. Ap. *Missale Romanum* (3 ta' April 1969): *AAS* 61 (1969) 217-222; Id., Kost. Ap. *Divinae consortium naturae* (15 ta' Awwissu 1971): *AAS* 63 (1971) 657-664; Id., Kost. Ap. *Sacram unctionem infirmorum* (30 ta' Novembru 1972): *AAS* 65 (1973) 5-9.

[27] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Dei Verbum* (18 ta' Novembru 1965), n. 8: *AAS* 58 (1966) 821.

[28] Ara Benedittu XVI, Ezort. Ap. post-sinod. *Sacramentum caritatis* (22 ta' Frar 2007), n. 12: *AAS* 99 (2007) 113; *CIC*, can. 841.

[29] Infakkru d-distinzjoni bejn liċejità u validità, kif ukoll infakkru li kull bidla fil-formula ta' Sagrament hi dejjem att gravement illeċitu. Ukoll jekk inqisu bidla ċkejkna li ma tbiddilx is-sens originali ta' Sagrament, u allura ma tagħmlux invalidu, izda tibqa' dejjem illeċita. F'kazi ta' dubju, meta kien hemm bidla fil-forma jew materja ta' Sagrament, huwa fil-kompetenza ta' dan id-Dikasteru għad-Duttrina tal-Fidi li jiddixxerni dwar il-validità.

[30] Per ezempju, ara: *CIC*, can. 849 dwar il-Magħmudija; can. 880 § 1-2 dwar il-Konfirmazzjoni; cann. 900 § 1, 924 u 928 dwar l-Ewkaristija; cann. 960, 962 § 1, 965 u 987 dwar il-Qrar; can. 998 dwar id-Dilka tal-Morda; cann. 1009 § 2, 1012 u 1024 dwar l-Ordni; cann. 1055 u 1057 dwar iz-Żwieg; an. 847 § 1 dwar l-uzu taz-zjut imqaddsa.

[31] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 22: *AAS* 56 (1964) 106. Ara *CIC*, can. 846 § 1.

[32] Ara Konċilju ta' Trentu, *Decretum de Sacramentis*, can. 12: DH 1612; *Canones de sacramento baptismi*, can. 4: DH 1617. F'kitba lill-imperatur fis-sena 496, il-Papa Anastasju II qallu: "Jekk ir-raggi ta' din ix-xemx vizibbli, għalkemm jgħaddu minn

huwa għandu jkollu "għallinqas l-intenzjoni li jagħmel dak li tagħmel il-Knisja"[33], biex l-azzjoni sagramentali tkun tabilħaqq att uman, ħieles minn kull awtomatiżmu, u att għal kollox ekklezjali, ħieles minn rieda arbitrarja tal-individwu. Barra minn hekk, ladarba dak li tagħmel il-Knisja mhuwiex ħaġa oħra ħlief dak li waqqaf Kristu[34], l-intenzjoni wkoll, flimkien mal-materja u l-forma, tikkontribwixxi biex l-azzjoni sagramentali tkun il-kontinwazzjoni tal-opra feddejja tal-Mulej.

Il-materja, il-forma u l-intenzjoni huma intrinsikament marbutin flimkien: huma jingħaqdu flimkien fl-azzjoni sagramentali b'mod li l-intenzjoni ssir il-prinċipju li jgħaqqad il-materja u l-forma, waqt li tagħmilhom sinjal sagru li permezz tiegħu il-grazzja tingħata *ex opere operato*[35].

19. Il-materja u l-forma jirrappreżentaw l-element sensibbli u oġġettiv tas-Sagrament; iżda, għall-kuntrarju, l-intenzjoni tal-ministru, flimkien mad-dispożizzjoni ta' min jirċievi s-Sagrament, tirrappreżenta l-element interjuri u suġġettiv tiegħu. Madanakollu, hija wkoll, min-natura tagħha, tista' tintwera wkoll esternament fl-osservanza tar-rit stabbilit mill-Knisja, hekk li bidla gravi fl-elementi essenzjali tnissel ukoll dubju dwar l-intenzjoni rejali tal-ministru, li tikkawża l-invalidità tas-Sagrament li ġie ċċelebrat[36]. Għax, bħala prinċipju, l-intenzjoni li tagħmel dak li tagħmel il-Knisja trid tidher fil-fatt li wieħed juża l-materja u l-forma stabbiliti mill-Knisja[37].

20. Il-materja, il-forma u l-intenzjoni huma dejjem inklużi fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni liturġika, u dan ma jiffurmax ornament (*ornatus*) ċeremonjali tas-Sagramenti, u lanqas daħla didattika għar-rejaltà li qed isseħħ, iżda, fis-sħuħija tagħha, hi l-avveniment li fih tissokta

---

imkejjen l-aktar mahmuga, ma jitniggsu xejn minkejja l-kuntatt magħhom, wisq aktar il-qawwa ta' dak li għamel din ix-xemx vizibbli mhux se titnigges minn ebda nuqqas ta' dinjità fil-ministru": DH 356.

[33] Konċilju ta' Trentu, *Decretum de Sacramentis*, can. 11: DH 1611. Ara Konċilju ta' Kostanza, Bulla *Inter cunctas*, 22: DH 1262; Konċilju ta' Firenze, Bulla *Exsultate Deo*: DH 1312; *CIC*, cann. 861 § 2; 869 § 2; *Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, n. 1256.

[34] Ara S. Tumas ta' Akwinu, *Summa Theologiae*, III, q. 64, a. 8; Benedittu XIV, *De Synodo dioecesana*, lib. VII, cap. 6, n. 9, 204.

[35] Konċilju ta' Trentu, *Decretum de Sacramentis*, can. 8: DH 1608.

[36] Ara Ljun XIII, Ittra. Ap. *Apostolicae curae*: DH 3318.

[37] Izda hu possibbli li, ukoll jekk esternament qed jigi osservat ir-rit preskritt, l-intenzjoni tal-ministru tkun differenti minn dik tal-Knisja. Hekk jigri fil-kaz ta' dawk il-Komunitajiet Ekklezjali li billi biddlu l-fidi tal-Knisja f'xi element essenzjali, b'hekk stess biddlu wkoll l-intenzjoni tal-ministri tagħhom, hekk li ma jistax ikollhom l-intenzjoni li jagħmlu dak li tagħmel il-Knisja – u mhux il-Komunità tagħhom – meta jiċċelebraw is-Sagramenti. Per ezempju, din hi r-raguni għaliex il-magħmudija amministrata mill-Mormoni (*Il-Knisja ta' Gesu' Kristu tal-Qaddisin tal-Ahhar Żminijiet*): billi l-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma għalihom haga essenzjalment diversa minn dak li tistqarr il-Knisja, il-magħmudija amministrata minnhom, għalkemm iċċelebrata bl-istess formula trinitarja, hi invalida, minhabba *error in fide*, li jaffettwa l-intenzjoni tal-ministru. Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Resp. ad propositum dubium de validitate Baptismatis* (5 ta' Gunju 2001): *AAS* 93 (2001) 476.

titwettaq il-laqgħa personali u komunitarja ta' Alla magħna, fi Kristu u fl-Ispirtu s-Santu, laqgħa li fiha, bis-saħħa tal-medjazzjoni ta' sinjali sensibbli, "jingħata lil Alla ġieħ perfett u jitqaddsu l-bnedmin"[38].

Għalhekk, il-ħerqa meħtieġa għall-elementi essenzjali tas-Sagramenti, li minnhom tiddependi l-validità tagħhom, trid tkun fi qbil mal-kura u r-rispett li jixirqu liċ-ċelebrazzjoni kollha, li fiha t-tifsira u l-effetti tas-Sagramenti jistgħu jinftehmu għal kollox permezz tad-diversi ġesti u kliem, u b'hekk iħeġġu l-*parteċipazzjoni attiva* tal-fidili[39].

21. L-istess Liturġija tippermetti dik il-varjetà li tħares lill-Knisja minn "uniformità riġida"[40]. Għalhekk il-Konċilju Vatikan II stabilixxa li "waqt li tibqa' tinżamm l-unità f'dak li hu sustanzjali fir-rit Ruman, jistgħu jsiru tibdiliet u adattamenti leġittmi għal gruppi, reġjuni u popli differenti, l-aktar fil-missjonijiet, ukoll fir-reviżjoni tal-kotba liturġiċi"[41].

Għalhekk, ir-riforma liturġika li ried il-Konċilju Vatikan II mhux biss tawtorizza lill-Konferenzi Episkopali biex jintroduċu adattamenti ġenerali fl-*editio typica* latina, iżda wkoll ippreveda l-possibbiltà ta' adattamenti partikulari min-naħa tal-ministru taċ-ċelebrazzjoni, bl-għan waħdieni li jwieġeb għall-ħtiġijiet pastorali u spiritwali tal-fidili.

22. Madanakollu, biex il-varjetà "ma tisfax ta' ħsara għall-unità, iżda tkunilha ta' siwi"[42], jingħad ċar li, barra mill-każi espressament indikati fil-kotba liturġiċi, "li tirreġola l-Liturġija hu biss kompetenza tal-awtorità tal-Knisja"[43], li tinsab, skond iċ-ċirkustanzi, fl-Isqof, l-assembleja episkopali territorjali, jew is-Sede Appostolika.

Jidher ċar, infatti, illi "li tbiddel b'inizjattiva proprja l-forma taċ-ċelebrazzjoni ta' Sagrament huwa mhux sempliċi abbuż liturġiku, bħal fil-każ ta' ksur ta' norma pożittiva, iżda hu ġerħa imposta fuq l-għaqda ekklezjali u fuq l-għarfien tal-azzjoni ta' Kristu, u f'każi aktar gravi

---

[38] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 7: *AAS* 56 (1964) 101.

[39] Dwar dan, il-Konċilju Vatikan II iheggeg lir-ragħajja biex jiehdu hsieb li "fl-azzjoni liturgika mhux biss jitharsu l-ligijiet mehtiega għal ċelebrazzjoni valida u leċita, izda wkoll li l-fidili jiehdu sehem haj fiha, ikunu jafu xi jkun qed isir, u jkollhom frott minnha": Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 11: *AAS* 56 (1964) 103.

[40] *Ibid*., n. 37: *AAS* 56 (1964) 110.

[41] *Ibid*., n. 38: *AAS* 56 (1964) 110.

[42] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 13: *AAS* 57 (1965) 18.

[43] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 22 § 1: *AAS* 56 (1964) 106.

tagħmel invalidu s-Sagrament innifsu, għax in-natura tal-azzjoni ministerjali titlob li nittrażmettu fedelment dak li rċevejna (ara 1 *Kor* 15, 3)”[44].

**III. Il-presidenza fil-liturġija u l-arti taċ-ċelebrazzjoni**

23. Il-Konċilju Vatikan II u l-Maġisteru wara l-Konċilju jippermettu li l-ministeru ta’ min jippresiedi fil-liturġija jitqies fit-tifsira tiegħu proprja teoloġika. L-Isqof u l-presbiteri kollaboraturi tiegħu jippresiedu ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, li l-qofol tagħhom hi l-Ewkaristija, “l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija kollha”[45], *in persona Christi (Capitis)* u *nomine Ecclesiae*. Fiż-żewġ każi, għandna formuli li – għalkemm b’xi varjazzjonijiet – għandhom ħafna għeruq fit-Tradizzjoni[46].

24. Il-formula *in persona Christi*[47] tfisser li s-saċerdot jirrappreżenta lil Kristu nnifsu fil-ġrajja taċ-ċelebrazzjoni. Dan jitwettaq fuq kollox meta, fil-konsagrazzjoni ewkaristika, huwa jtenni kliem il-Mulej bl-istess effikaċja, meta, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, jidentifika il-“jien” tiegħu ma’ dak ta’ Kristu. Meta mbagħad il-Konċilju jispjega li l-presbiteri jippresiedu l-Ewkaristija *in persona Christi Capitis*[48], mhux qed iħaddan l-idea li l-ministru, bħala “kap”, għandu s-setgħa li jista’ jħarrigħa arbitrarjament. Il-Kap tal-Knisja, u allura l-veru president taċ-ċelebrazzjoni, huwa Kristu biss. Huwa Hu “ir-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja” (*Kol* 1, 18), għaliex huwa Hu li jagħmilha titnissel minn ġenbu, imantniha u jieħu ħsiebha billi saħansitra jagħti lilu nnifsu għaliha (ara *Ef* 5, 25.29; *Ġw* 10, 11). Il-*potestas* tal-ministru hija *diakonia*

---

[44] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Nota dottrinale circa la modifica della formula sacramentale del Battesimo* (24 ta’ Gunju 2020): *L’Osservatore Romano*, 7 ta’ Awwissu 2020, 8.
[45] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta’ Novembru 1964), n. 11: *AAS* 57 (1965) 15.
[46] Ara, specjalment dwar il-formula *in persona Christi* (jew *ex persona Christi*), S. Tumas ta’ Akwinu, *Summa Theologiae,* III, q. 22 c; q. 78, a. 1 c; a. 4 c; q. 82, a. 1 c; dwar il-formula *in persona Ecclesiae* (li aktar tard giet sostitwita bil-formula *[in] nomine Ecclesiae*), Id., *Summa Theologiae*, III, q. 64, a. 8; ad 2; a. 9, ad 1; q. 82, a. 6 c. Fis-*Summa Theologiae*, III, q. 82, a. 7, ad 3, Tumas kien attent biex jorbot iz-zewg espressjonijiet: «… sacerdos in missa in orationibus quidem loquitur in persona Ecclesiae in cuius unitate consistit. Sed in consecratione sacramenti loquitur in persona Christi cuius vicem in hoc gerit per ordinis potestatem».
[47] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta’ Diċembru 1963), n. 33: *AAS* 56 (1964) 108-109; Id., Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta’ Novembru 1964), nn. 10, 21, 28: *AAS* 57 (1965) 14-15, 24-25, 33-36; Pawlu VI, Enċik. *Sacerdotalis caelibatus* (24 ta’ Gunju 1967), n. 29: *AAS* 59 (1967) 668-669; Id., Ezort. Ap. *Evangelii nuntiandi* (8 ta’ Diċembru 1975), n. 68: *AAS* 68 (1976) 57-58; Gwanni Pawlu II, Ittra Ap. *Dominicae Cenae* (24 ta’ Frar 1980), n. 8: *AAS* 72 (1980) 127-130; Id., Ezort. Ap. post-sinod. *Reconciliatio et paenitentia* (2 ta’ Diċembru 1984), nn. 8, 29: *AAS* 77 (1985) 200-202, 252-256; Id., Enċik. *Ecclesia de Eucharistia* (17 ta’ April 2003), n. 29: *AAS* 95 (2003) 452-453; Id., Ezort. Ap. post-sinod. *Pastores gregis* (16 ta’ Ottubru 2003), nn. 7, 10, 16: *AAS* 96 (2004) 832-833, 837-839, 848; *CIC*, cann. 899 § 2; 900 § 1.
[48] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Dig. *Presbyterorum Ordinis* (7 ta’ Diċembru 1965), n. 2: *AAS* 58 (1966) 991-993. Ara wkoll Gwanni Pawlu II, Ezort. Ap. post-sinod. *Christifideles laici* (30 ta’ Diċembru 1988), n. 22: *AAS* 81 (1989) 428-429; Id., Ezort. Ap. post-sinod. *Pastores dabo vobis* (25 ta’ Marzu 1992), nn. 3, 12, 15-18, 21-27, 29-31, 35, 61, 70, 72: *AAS* 84 (1992) 660-662, 675-677, 679-686, 688-701, 703-709, 714-715, 765-766, 778-782, 783-787; *CIC*, can. 1009 § 3; *Katekizmu tal-Knisja Kattolika*, nn. 875; 1548-1550; 1581; 1591.

kif Kristu nnifsu jgħallem lid-dixxipli fil-kuntest tal-Aħħar Ċena (ara *Lq* 22, 25-27; *Ġw* 13, 1-20). Dawk li, bis-saħħa tal-grazzja sagramentali, jiġu mxebbħin miegħu, billi jieħdu sehem mill-awtorità li biha Huwa jmexxi u jqaddes il-Poplu tiegħu, huma, għaldaqstant, imsejjħin, fil-liturġija u fil-ministeru kollu pastorali, biex jikkonformaw ruħhom ma' din l-istess loġika, ladarba nħatru rgħajja mhux biex jaħkmu fuq il-merħla, iżda biex jaqduha fuq il-mudell ta' Kristu, ir-ragħaj it-tajjeb tan-nagħaġ (ara *1Pt* 5, 3; *Ġw* 10, 11.14)[49].

25. Fl-istess ħin, il-ministru li jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni jaġixxi *nomine Ecclesiae*[50], formula li tagħmilha ċara li, waqt li jirrappreżenta lil Kristu Ras quddiem il-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, huwa jippreżenta wkoll, quddiem ir-Ras tiegħu, lil dan il-Ġisem, anzi lil din l-Għarusa, bħala s-suġġett sħiħ taċ-ċelebrazzjoni, il-Poplu kollu saċerdotali, li f'ismu l-ministru qed jitkellem u jaġixxi[51]. Għax wara kollox, jekk inhu veru li "meta wieħed jgħammed, huwa Kristu nnifsu li qed jgħammed"[52], huwa veru wkoll li "meta l-Knisja tiċċelebra Sagrament, taġixxi bħala Ġisem li jaħdem bla ma jinfired mir-Ras tiegħu, ladarba hu Kristu-Kap li jaġixxi fil-Ġisem ekklezjali mnissel minnu fil-misteru tal-Għid"[53]. Dan juri kemm huma ordinati għal xulxin is-saċerdozju batteżimali u dak ministerjali[54], u jgħinna nifhmu li t-tieni wieħed jeżisti għas-servizz tal-ewwel wieħed. Sewwasew għalhekk, kif diġà rajna, il-ministru li jiċċelebra s-Sagramenti ma tistax tkun nieqsa l-intenzjoni li jagħmel dak li tagħmel il-Knisja.

26. Ir-rwol doppju u magħqud imfisser fil-formuli *in persona Christi – nomine Ecclesiae*, u r-relazzjoni fekonda bejn saċerdozju batteżimali u saċerdozju ministerjali, flimkien mal-fehma li l-elementi essenzjali għall-validità tas-Sagramenti għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest proprju tagħhom, jiġifieri fl-azzjoni liturġika, għandhom jgħinu lill-ministru biex jifhem dejjem aktar li "l-azzjonijiet liturġiċi mhumiex għamejjel privati, iżda ċelebrazzjonijiet tal-

---

[49] Hekk jingħad fl-*Istituzzjoni Generali tal-Missal Ruman*, n. 93: "Għalhekk, meta jiċċelebra l-Ewkaristija, (il-presbiteru) għandu jaqdi lil Alla u lill-poplu kif jixraq u bl-umiltà, u ... juri lill-fidili li Kristu hu ħaj u preżenti fosthom".
[50] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 33: *AAS* 56 (1964) 108-109; Id., Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 10: *AAS* 57 (1965) 14-15; Id., Dig. *Presbyterorum Ordinis* (7 ta' Diċembru 1965), n. 2: *AAS* 58 (1966) 991-993.
[51] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 10: *AAS* 57 (1965) 14-15.
[52] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963), n. 7: *AAS* 56 (1964) 101.
[53] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Nota dottrinale circa la modifica della formula sacramentale del Battesimo* (24 ta' Gunju 2020): *L'Osservatore Romano*, 7 ta' Awwissu 2020, 8.
[54] Ara Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. dom. *Lumen gentium* (21 ta' Novembru 1964), n. 10: *AAS* 57 (1965) 14-15.

Knisja", azzjonijiet li "skond id-diversità ta' ordnijiet, ta' ħidmiet u ta' sehem attwali", "huma azzjonijiet tal-Ġisem kollu tal-Knisja, manifestazzjoni tiegħu, u għandhom efffett fuqu"[55]. Sewwasew għalhekk il-ministru għandu jifhem li l-*ars celebrandi* awtentika hi dik li tirrispetta u tgħolli l-primat ta' Kristu u l-*actuosa participatio* tal-assembleja liturġika kollha kemm hi, ukoll permezz ta' ubbidjenza umli għan-normi liturġiċi[56].

27. Jidher dejjem iżjed urġenti li nimmaturaw l-arti taċ-ċelebrazzjoni li, waqt li żżomm 'il bogħod kemm minn rubriċiżmu riġidu kif ukoll minn immaġinazzjoni bla rażan, twassal għal dixxiplina li tenħtieġ tiġi rrispettata, biex inkunu dixxipli awtentiċi: "Mhuwiex il-każ li wieħed irid isegwi manwal ta' etikett liturġiku. Huwa aktarx il-każ ta' ċerta 'dixxiplina' – fis-sens użat minn Guardini – li, jekk tiġi mħarsa b'awtentiċità, tiffurmana. Huma ġesti u kliem li jqegħdu fl-ordni d-dinja interjuri tagħna u tagħmilna ngħixu ċerti sentimenti, atteġġjamenti u mġieba. Mhumiex spjegazzjoni ta' xi idejal li rridu nfittxuh biex jispirana, iżda azzjoni li timplika l-ġisem kollu kemm hu, jiġifieri fl-essri tiegħu bħala unità ta' ġisem u ruħ"[57]

**Għeluq**

28. "Dan it-teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna" (2 *Cor* 4, 7). Il-kuntrast li juża l-appostlu, biex jisħaq li l-kobor tal-qawwa ta' Alla juri ruħu permezz tad-dgħufija tal-ministeru tiegħu bħala predikatur, juri wkoll tajjeb x'jiġri fis-Sagramenti. Il-Knisja kollha hi msejjħa biex tħares l-għana li jinsab fihom, biex ma jiġi qatt imdallam il-primat tal-azzjoni feddejja ta' Alla fl-istorja, ukoll fil-medjazzjoni dgħajjfa ta' sinjali u ġesti proprji tan-natura umana.

29. Il-qawwa li taħdem fis-Sagramenti tifforma l-wiċċ tal-Knisja u tagħmilha kapaċi biex twassal id-don tas-salvazzjoni li Kristu mejjet u rxuxtat, fl-Ispirtu tiegħu, irid li jitwassal lil kull bniedem. Fil-Knisja hu fdat, speċjalment lill-ministri tagħha, dan it-teżor kbir, għax bħala "qaddejja ħerqana" tal-Poplu ta' Alla, imantnuh bl-abbundanza tal-Kelma u jqaddsuh bil-grazzja tas-Sagramenti. Iridu jkunu huma l-ewwel li jaħdmu b'mod li jinżamm ħaj "il-ġmiel taċ-ċelebrazzjoni nisranija" u ma jġarrabx "taħsir minn intelliġenza superfiċjali u

---

[55] Konċ. Ekum. Vat. II, Kost. lit. Sacrosanctum Concilium (4 ta' Diċembru 1963), n. 26: *AAS* 56 (1964) 107. Ara wkoll *ibid.*, n. 7: *AAS* 56 (1964) 100-101; *Katekizmu tal-K della Csja Kattolika*, nn. 1140-1141.
[56] Ara *Istituzzjoni Generali tal-Missal Ruman*, n. 24.
[57] Frangisku, Ittra. Ap. Desiderio desideravi (29 ta' Gunju 2022), n. 51: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 11.

limitata tal-valur tagħha jew, aktar agħar, tiġi abbużata għas-servizz ta' xi idejoloġija, tkun xi tkun"[58].

Hekk biss il-Knisja tista', minn jum għal ieħor, "tikber fl-għarfien tal-misteru ta' Kristu, hija u tgħaddas ħajjitha fil-misteru tal-Għid tiegħu, waqt li tistenna t-tieni miġja tiegħu"[59].

*Il-Papa Franġisku, fl-Udjenza mogħtija lis-sottoskritt il-Prefett tad-Dikasteru għad-Duttrina tal-Fidi fil-31 ta' Jannar 2024, approva din in-*Nota*, deċiża fis-Sessjoni Plenarja ta' dan id-Dikasteru, u ordna l-pubblikazzjoni tagħha.*

Mogħti f'Ruma, fis-sedi tad-Dikasteru għad-Duttrina tal-Fidi, fit-2 ta' Frar 2024, fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.

Víctor Manuel Kard. Fernández
*Prefett*

Mons. Armando Matteo
*Segretarju*
*għas-Sezzjoni Duttrinali*

---

[58] *Ibid.*, n. 16: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 9.
[59] *Ibid.*, n. 64: *L'Osservatore Romano*, 30 ta' Gunju 2022, 12.